MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 240/2010

**Mobisle Communications  Limited (C 24655)**

**Vs**

**Sonia Bajada**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors  prezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Lulju 2010, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ erbat elef wiehed u tmenin Euro w hames centezmi (€4081.05)  rapprezentanti  bilanc ta’ prezz dovut mill-intimata lis-socjeta’ rikorrenti in kwantu ghal servizz rezi lilha mill-istess fix-xhur bejn is-sena 2007 u is-sena 2009 u dana in segwitu’ ta’ u skond Client Contract No 439982 liema kuntratt huwa ffirmat mill-intimata .

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-2 ta’ Dicembru 2009 u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat

kontestwalment mar-rikors u bl-imghaxijiet kontra l-intimata illi hija ingunta in subizzjoni.

.

Rat illi l-intimata kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Reno Spiteri datata 13 ta' Lulju 2010 fol. 4 tergo tal-process.

Illi fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2010 is-socjeta' rikorrenti pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-13 ta' Ottubru 2010 l-intimata giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba rikorrenti u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta rikorrenti jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' erbat elef wiehed u tmenin euro u hames centezmi (€4081.05) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-intimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------